

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 244



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

13 ta' Settembru 2016

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1638 tas-6 ta' Settembru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni	1
★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1639 tas-7 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fiż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; l-ilmjiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju	3
★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1640 tas-7 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi projbizzoni tas-sajd għall-kavalli fiż-żoni VIIIc, IX u X; fl-ilmjiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall	5
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1641 tat-12 ta' Settembru 2016 li jemenda għall-252 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jipponi ċerti miżuri speċifċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida	7
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1642 tat-12 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq	9
Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1643 tat-12 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ġnejjex	11

MT

L-Atti b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1638

tas-6 ta' Settembru 2016

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ('), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(e) tiegħu,

Billj.

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura tal-oġġetti, minn hawn 'il quddiem in-“Nomenklatura Magħquda” jew “NM”, li hija stabbilita fl-Anness I ta’ dak ir-Regolament.

(2) It-test tan-Nota Addizzjonal 2 tal-Kapitolu 15 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda jiddefinixxi l-karatteristiċi ta’ żżut miksubin biss mit-trattament taż-żeppu, li għandhom ikunu klassifikati taħt l-intestaturi 1509 u 1510. It-test ta’ dik in-Nota Addizzjonal huwa bbażat fuq ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 (?), li jiddefinixxi l-karatteristiċi fiżikokimiċi u organolettiċi taż-żejt taż-żeppu u taż-żejt mir-residwi taż-żeppu u jistabbilixxi l-metodi għall-valutazzjoni ta’ dawk il-karatteristiċi. Dawk il-metodi u l-valuri ta’ limitu għall-karatteristiċi taż-żżut għandhom jiġu aġġornati abbażi tal-opinjoni tal-esperti kimiċi u skont il-ħidma mwettqa fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (l-IOC).

(3) Minħabba bosta emendi fir-Regolament (KEE) Nru 2568/91, it-test attwali tan-Nota Addizzjonal 2 tal-Kapitolu 15 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda ma għadux allinjal mal-verżjoni applikabbli attwalment tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91 u jeħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(4) Sabiex jiġu evitati emendi rikorrenti lill-parametri relevanti fin-Nota Addizzjonal 2 tal-Kapitolu 15 biex din tibqa’ aġġornata mar-Regolament (KEE) Nru 2568/91, huwa xieraq li jiġi adottat test ġdid tan-Nota Addizzjonal li jkun jirreferi direttament għall-partijiet rilevanti ta’ dak ir-Regolament.

(5) Minħabba li mill-1 ta’ Jannar 2017 se jiġu introdotti ċerti kodiciċċiet ġodda tan-NM fil-Kapitolu 15, it-test il-ġdid tan-Nota Addizzjonal 2 ta’ dak il-Kapitolu, li jirrifletti dawk il-kodiciċċiet il-ġodda tan-NM għandu jidħol fis-sejjha fl-1 ta’ Jannar 2017.

(6) Għalhekk l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żeġġu u l-fdal taż-żeġġu taż-żeġġu u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti (ĠUL 248, 5.9.1991, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Kapitolu 15 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, in-Nota Addizzjonali 2 tinbidel b'dan li ġej:

“2. A L-intestaturi 1509 u 1510 ikopru biss iż-żjut miksubin biss mit-trattament taż-żebbuġ, li jkollu l-karatteristiċi, rigward il-kontenut ta' aċċidi grassi u steroli, imsemmija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 (*). Il-preżenza tagħhom tista' tiġi determinata bl-użu ta' metodi stabbiliti fl-Annessi V u X ta' dak ir-Regolament.

L-intestaturi 1509 u 1510 ma jkoprux iż-żejt taż-żebbuġ mibdul kimikament (b'mod partikulari ż-żejt taż-żebbuġ riesterifikat) u t-taħlitiet taż-żejt taż-żebbuġ ma' żjut oħrajin. Il-preżenza taż-żejt taż-żebbuġ riesterifikat tkun żgurata bil-metodi stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

B. Is-sottointestatura 1509 10 tkopri biss iż-żjut taż-żebbuġ definiti fil-punti 1, 2 u 3 hawn taħt, miksubin biss bl-użu ta' mezzi mekkaniċi jew mezzi fiżiki oħrajin f'kundizzjonijiet li ma jwasslux biex iż-żejt jiġi modifikat, u li ma għaddew minn ebda trattament għajr il-ħasil, it-tserriġi, iċ-ċentrifugazzjoni jew il-filtrazzjoni. Iż-żjut taż-żebbuġa miksubin bl-użu ta' solventi, reagenta kimiċi jew bijokimiċi, jew bi proċessi ta' riestirifikazzjoni, kif ukoll kull taħlit bi żjut oħrajin, huma eskuži minn din is-sottointestatura.

1. Għall-finijiet tas-sottointestatura 1509 10 10, “żejt taż-żebbuġ lampante” tħisser żejt taż-żebbuġa li għandu l-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa tal-kategorija 3 kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

2. Għall-finijiet tas-sottointestatura 1509 10 20, “żejt taż-żebbuġa extraverġni” tħisser żejt taż-żebbuġa li għandu l-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa tal-kategorija 1 kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

3. Is-sottointestatura 1509 10 80 tkopri żjut verġni oħrajin li għandhom il-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa tal-kategorija 2 kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

C. Is-sottointestatura 1509 90 tkopri ż-żejt taż-żebbuġa miksub bit-trattament taż-żjut taż-żebbuġa tas-sottointestaturi 1509 10 10, 1509 10 20 u/jew 1509 10 80, kemm jekk imħalltin ma' żejt taż-żebbuġa verġni ukoll jekk le, u li għandu l-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa tal-kategoriji 4 u 5 kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

D. Għall-finijiet tas-sottointestatura 1510 00 10, “żjut mhux ipproċessati” tħisser żjut bil-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa tal-kategorija 6 kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

E. Is-sottointestatura 1510 00 90 tkopri ż-żjut miksubin bit-trattament taż-żjut tas-sottointestatura 1510 00 10, kemm jekk imħalltin ma' żejt taż-żebbuġa verġni ukoll jekk le, u żjut mingħajr il-karatteristiċi taż-żjut imsemmijin fil-punti B, C u D ta' din in-Nota Addizzjonal.

Iż-żjut ta' din is-sottointestatura jrid ikollhom il-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa tal-kategoriji 7 u 8 kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Luju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti (ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1639

tas-7 ta' Settembru 2016

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fiż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; l-ilmiġiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 (²), jistabbilixxi l-kwoti għall-2016.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2016.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitàajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2016 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitàajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li ħut minn dak l-istokk li jinqabbed minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

João AGUIAR MACHADO

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmiġiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmiġiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠUL 22, 28.1.2016, p. 1).

ANNESS

Nru	16/TQ72
Stat Membru	Il-Belġju
Stokk	HAD/7X7A34
Speċi	Merluzz tal-linja sewda (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>)
Żona	VIIb-k, VIII, IX and X; L-ilmiċijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1.
Data tal-ġeluq	2.7.2016

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1640

tas-7 ta' Settembru 2016

li jistabbilixxi projbizzoni tas-sajd għall-kavalli fiż-żoni VIIIc, IX u X; fl-ilmiġiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2016.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2016.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitàajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2016 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata fdak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitàajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata fdak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li ħut minn dak l-istokk li jinqabbed minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmiġiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmiġiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠUL 22, 28.1.2016, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
João AGUIAR MACHADO
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

ANNESS

Nru	17/TQ72
Stat Membru	Il-Portugall
Stokk	MAC/8C3411
Speċi	Kavalli (<i>Scomber scombrus</i>)
Żona	VIIIC, IX u X; L-il-mijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1.
Data tal-ġeluq	1.7.2016

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1641

tat-12 ta' Settembru 2016

li jemenda għall-252 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri spċifici restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri spċifici restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fis-6 ta' Settembru 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda fil-lista tiegħu tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu jaapplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi aġġornat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Aġġent Kap tas-Servizz għall-Instrumenti ta' Politika Barranija*

(¹) ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-annotazzjoni "Tarkhan Ismailovich Gaziev (alias (a) Ramzan Oduev, (b) Tarkhan Isaevich Gaziev, (c) Husan Isaevich Gaziev, (d) Umar Sulimov, (e) Wainakh, (f) Sever, (g) Abu Bilalal, (h) Abu Yasir, (i) Abu Asim, (j) Husan), Data tat-twelid: 11.11.1965, Post tat-twelid: il-villaġġ Bugaroy, id-distrett Itum-Kalinskiy, ir-Repubblika taċ-Ċeċenja, il-Federazzjoni Russa, Indirizz: a) ir-Repubblika Għarbija Sirjana (illokalizzat f'Awwissu 2015), b) l-Iraq (post alternattiv potenzjali f'Awwissu 2015), Nazzjonaliità: (Mhux irregistret bħala ċittadin tal-Federazzjoni Russa), Informazzjoni oħra: Ir-ritratt huwa disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali ta' bejn INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Id-ata tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 2.10.2015", taħt l-intestatura "Persuni fiżiki" hija sostitwit b'dan li ġej:

"Tarkhan Ismailovich Gaziev (kitba oriġinali: Тархан Исмаилович Газиев), (alias (a) Ramzan Oduev (kitba oriġinali: Рамзан Одуев), (b) Tarkhan Isaevich Gaziev (kitba oriġinali: Тархан Исаевич Газиев), (c) Husan Isaevich Gaziev (kitba oriġinali: Хусан Исаевич Газиев), (d) Umar Sulimov (kitba oriġinali: Умар Сулимов), (e) Wainakh (kitba oriġinali: Вайнах), (f) Sever (kitba oriġinali: Север), (g) Abu Bilal (kitba oriġinali: Абу-Билал), (h) Abu Yasir (kitba oriġinali: Абу Ясир), (i) Abu Asim (kitba oriġinali: Абу Ясим), (j) Husan (kitba oriġinali: Хусан), (k) Ab-Bilal, (l) Abu-Naser), Data tat-twelid: 11.11.1965, Post tat-twelid: Itum-Kale, id-distrett ta' Itum-Kalinskiy, ir-Repubblika taċ-Ċeċenja, il-Federazzjoni Russa, Indirizz: a) ir-Repubblika Għarbija Sirjana (kif lokalizzat f'Awwissu 2015), b) l-Iraq (post alternattiv potenzjali skont Awwissu 2015), Nazzjonaliità: Il-Federazzjoni Russa, Informazzjoni oħra: Ritratt disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 2.10.2015."

REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1642

tat-12 ta' Settembru 2016

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2465/96⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern ta' qabel tal-Iraq koperti bl-iffriziar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kieni jinsabu barra mill-Iraq fid-data tat-22 ta' Mejju 2003 skont dan ir-Regolament.
- (2) Fis-6 ta' Settembru 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi entità waħda mil-lista ta' persuni jew entitajiet li għalihom jeħtieġ li japplika l-iffriziar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.
- (3) Għaldaqstant, l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Aġent Kap tas-Servizz tal-Instrumenti tal-Politika Barranija*

⁽¹⁾ ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 131/2011(ĠU L 41, 15.2.2011, p. 1).

ANNESS

Fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, titħassar l-annotazzjoni seguenti:

“109. SOUTH REFINERIES COMPANY. Indirizz: Basra, l-Iraq.”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1643

tat-12 ta' Settembru 2016

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħnejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħnejjex u tal-frott u l-ħnejjex ipproċessati (²) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urgwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

^(¹) ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

^(²) ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ġertu frott u ħxejjex

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ^(l)	(EUR/100 kg) Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	171,2
	ZZ	171,2
0707 00 05	TR	121,6
	ZZ	121,6
0709 93 10	TR	134,3
	ZZ	134,3
0805 50 10	AR	156,1
	CL	135,8
	EG	94,4
	TR	130,1
	UY	142,6
	ZA	148,0
	ZZ	134,5
	TR	127,4
0806 10 10	ZZ	127,4
	AR	113,6
0808 10 80	BR	102,8
	CL	140,2
	NZ	134,9
	US	179,7
	ZA	97,3
	ZZ	128,1
	AR	93,2
	CL	101,2
0808 30 90	TR	137,7
	ZA	121,7
	ZZ	113,5
	TR	128,7
0809 30 10, 0809 30 90	ZZ	128,7
	TR	216,0
0809 40 05	ZZ	216,0

^(l) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ es-tern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrapreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgo
IL-LUSSEMBURGU

MT